



Fond Soċjali Ewropew Investiment fin-Nies



Il-Kummissjoni Ewropea

Dan il-fuljett huwa disponibbli fil-lingwi uffiċjali kollha ta' l-UE.

La l-Kummissjoni Ewropea u l-ebda persuna li taħdem f'isem il-Kummissjoni m'hi responsabbli għall-użu li jista' jsir mill-informazzjoni f'dan il-fuljett.

Jekk inti interessat li tirċievi n-newsletter elettronika "ESmail", jekk jogħġbok ibgħat e-mail lil empl-esmail@ec.europa.eu – In-newsletter hija ppubblikata regolarment bl-Ingliż, bil-Franċiż u bil-Ġermaniż.



- 1: © Carl Cordonnier/Dailylife
- 2: © Janina Struk/reportdigital.co.uk
- 3: © Carl Cordonnier/Dailylife
- 4: © John Harris/reportdigital.co.uk
- 5: © Media Consulta

**Europe Direct huwa servizz li jgħinek issib it-tweġibiet
għall-mistoqsijiet tiegħek dwar l-Unjoni Ewropea**

**Numru tat-telefon bla ħlas (*):
00 800 6 7 8 9 10 11**

(*): Xi operaturi tat-telefonija ċellulari ma jippermettux l-aċċess għal numri 00 800 jew dawn is-sejthiet jistgħu jkunu bi ħlas.

Ħafna aktar informazzjoni dwar l-Unjoni Ewropea hija disponibbli fuq l-Internet. Aċċess għaliha huwa mis-server Europa (<http://europa.eu>).

Informazzjoni dwar il-katalogar tinsab fit-tmiem ta' din il-pubblikazzjoni

Il-Lussemburgu: L-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej, 2007

ISBN 92-79-01405-6

© Komunitajiet Ewropej, 2007

Ir-riproduzzjoni hija permessa jekk is-sors ikun rikonoxxut.

Printed in Belgium

STAMPAT FUQ KARTA BAJDA MINGĦAJR KLORU.

X'inhu l-Fond Soċjali Ewropew?

L-Unjoni Ewropea hija impenjata favur aktar xogħol ta' kwalità ogħla. Dan jeħtieġ sħubija b'saħħitha bejn Stati Membri, awtoritajiet reġjonali u lokali, imsieħba soċjali, is-soċjetà ċivili u b'mod partikolari ċittadini individwali. Biex jinħoloq aktar xogħol ta' kwalità ogħla f'dinja li qed tinbidel għandu jsir sforz akbar f'oqsma importanti bħar-riċerka, l-innovazzjoni u s-soċjetà ta' l-għarfien. L-aktar ħaġa importanti hi li l-UE għandha tinvesti fl-aktar riżors prezjuż li għandha – in-nies tagħha.

Introduzzjoni tal-Fond Soċjali Ewropew (FSE)

L-FSE huwa l-istrument finanzjarju prinċipali ta' l-Unjoni Ewropea għall-investment fin-nies. L-FSE jappoġġja l-impjeg. L-FSE jgħin lin-nies ikabbru l-edukazzjoni u l-kapaċitajiet tagħhom. Dan itej-jeb il-prospetti tagħhom għax-xogħol. L-FSE jon-foq aktar minn 10 biljun euro fis-sena madwar l-Istati Membri kollha. Dan jirrappreżenta aktar minn 10% tal-baġit totali ta' l-Unjoni Ewropea.

L-FSE kien parti mit-Trattat oriġinali li stabbilix-xa l-Komunità Ekonomika Ewropea fl-1957. Dak iż-żmien l-għan kien li jppromovi x-xogħol u li jżid l-opportunitajiet għall-ħaddiema. Ħamsin sena wara, ix-xogħol għadu prijorità ewlenija. L-isforzi Ewropej evolwew biex jiġu indirizzati sfidi ġodda u biex jiġu offruti opportunitajiet aħjar għaċ-ċittadini kollha tagħha.



© Justin Tallis/reportdigital.co.uk

→ Biex tgħolli l-livelli ta' l-għajxien, l-Ewropa għandha bżonn tipprovdi aktar impjegji għaċ-ċittadini tagħha: rata ta' impjeg totali ta' 70%, 60% għan-nisa u 50% għall-persuni bejn il-55 u l-64 sena.

→ Biex tibqa' kompetittiva f'dinja globalizzata, in-nies li jistgħu jaħdmu fl-Ewropa jrid ikollhom livelli għoljin ta' ħiliet u ta' adattabbiltà.

→ L-Ewropa qed taħdem għall-impjegji aħjar f'soċjetà inklussiva, fuq il-bażi ta' opportunitajiet ugwal għal kulħadd.

Għaliex l-Ewropa għandha bżonn fond soċjali?

→ Fil-Greċja, l-FSE ta fondi sabiex isir taħriġ fil-lingwa għal immigranti riċenti, li 60% tagħhom kienu nisa, biex itejbu l-prospetti ta' xogħol u l-integrazzjoni tagħhom fis-soċjetà.

Inħarsu lejn sfidi ġodda

Illum aktar minn 200 miljun ħaddiem fl-Ewropa jħabbat wiċċu ma' ħafna sfidi – ftiġġijiet għal kapaċitajiet ġodda, teknoloġiji tal-kompjuter, globalizzazzjoni, diffikultajiet għaż-żgħażaġħ biex isibu l-ewwel impjieg, soċjetajiet Ewropej li qed jikbru fl-età, u aktar.

Fid-dinja mgħaġġla tagħna, il-kunċett ta' xogħol għal ħajtek kollha m'għadux japplika. Dan ifisser opportunitajiet għal bidliet u provi ta' impjegi differenti. Iżda jfisser ukoll li kulħadd irid iżomm u jaġġorna l-edukazzjoni u l-kapaċitajiet tiegħu, jkun jaf jaddatta ruħu għal metodi ta' xogħol ġodda, b'opportunitajiet ta' waqfien mill-karriera u ħin liberu għall-ħajja personali u familjari.

Illum hemm erba' persuni fl-età tax-xogħol li qed isostnu l-pensjoni ta' kull persuna ikbar minn 65 sena. Sa l-2050 dan il-proporzjon ser ikun niżel għal żewġ ħaddiema għal kull persuna ikbar minn 65 minħabba:

- tnaqqis fir-rati ta' twelid,
- żieda fl-għomor tal-ħajja,
- l-irtirar tal-ġenerazzjoni tal-*baby boom*



Xogħol għal kulħadd

Hemm bżonn ta' opportunitajiet ta' xogħol għal dawk li għad iridu jsibu impjieg. Iż-żgħażaġh għandhom bżonn ta' edukazzjoni li tgħinhom isibu l-ewwel xogħol tagħhom. L-FSE jagħti appoġġ lil nies li jixtiequ jerġgħu jibdedw jaħdmu, bħal ġenituri li waqfu mix-xogħol biex irabbu lill-uliedhom, jew nies li waqfqu temporanjament il-karriera tagħhom biex jistudjaw. Tingħata attenzjoni speċjali wkoll lil dawk li qegħdin f'riskju li jkunu esklużi mis-suq tax-xogħol, speċjalment:


- il-persuni b'diżabilità,
- l-immigranti,
- il-minoritajiet,
- gruppi żvantaġġati oħrajn.

Nippjanaw mill-ġdid il-mod kif naħdmu

Sabiex jinstabu soluzzjonijiet għal sfidi ġodda hemm bżonn ta' ideat, teknoloġiji u prodotti ġodda. Dan ifisser li għandna nippjanaw mill-ġdid il-mod ta' kif naħdmu u nsibu bilanċ tajjeb bejn ix-xogħol u l-ħajja personali u familjari tagħna. Għalhekk, għandna bżonn naħdmu flimkien. Is-sħubija hija importanti ħafna, kemm fuq livell lokali u reġjonali kif ukoll bejn l-Istati Membri (kooperazzjoni transnazzjonali). L-FSE jappoġġja din il-kooperazzjoni fejn isir skambju ta' ideat tajbin u fuq dawn l-ideat jiġu żviluppati metodi ta' suċċess.

→ *Fir-Renju Unit, skema li ngħatat fondi mill-FSE offriet l-opportunità ta' xogħol għal 12-il xahar għal nies li kienu ilhom mingħajr xogħol għal żmien twil . Tliet kwarti mill-parteċipanti sabu impjieg jew bdew taħriġ jew komplew l-edukazzjoni tagħhom.*

→ *In-nuqqas ta' xogħol fost ir-Roma s-soltu huwa ogħla mill-medja. B'hekk, fi Spanja, ġew żviluppati korsijiet ta' taħriġ speċjali, minn fondi tal-FSE, għall-impjegji speċifiċi għar-Roma.*



L-FSE x'jappoġġja?

→ Fi Franza, l-FSE ta fondi għal servizz ta' taħriġ speċjali għal nies neqsin mis-smiġh biex jadvanzaw fil-karrieri tagħhom.

→ Fil-Portugall, adulti li ma kinux spiċċaw l-iskola sekondarja ħadu benefiċċju minn sistema ġdida, appoġġata mill-FSE, li tiċċertifika tagħlim mhux formali. B'din iċ-ċertifikazzjoni, il-parteċipanti setgħu itejbu l-impjeghi tagħhom jew inkella setgħu jmorru lura għall-edukazzjoni formali, bħall-edukazzjoni oġhla.

→ Fir-Repubblika Ċeka, l-FSE jagħti fondi għall-proġett hekk imsejjaħ 'VIP Career' (Karriera VIP), li jgħin lil min ikun għadu kemm telaq mill-iskola biex isib l-ewwel xogħol tiegħu.

L-FSE jappoġġja lin-nies billi:

- jipprovdni taħriġ u taħriġ mill-ġdid,
- ikabbar il-kapaċitajiet,
- jżviluppa l-karrieri, u
- jippromovi l-intraprenditorija.

L-FSE jgħin lin-nies – żgħar u kbar – kemm fix-xogħol kif ukoll fit-tfittxija għal xogħol. L-FSE jisħaq fuq l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u li tiġi evitata kull tip ta' diskriminazzjoni.

Attivitajiet li jagħmlu differenza

Attivitajiet appoġġjati mill-FSE għamlu differenza fil-ħajja ta' ħafna nies. L-azzjonijiet tal-FSE żviluppaw kapaċitajiet u prospetti għal xogħol. Għenu wkoll biex jinstab bilanċ aħjar bejn l-impenn lejn ix-xogħol u l-familja. L-azzjonijiet tal-FSE appoġġjaw lin-nisa biex jidħlu fi professjonijiet ġodda, jadvanzaw fil-karrieri tagħhom, u biex jergħu lura għax-xogħol. Għenu wkoll lill-ħaddiema mdaħħlin fiż-żmien – per eżempju biex itemmu l-istudji jew biex jingħataw ċertifikazzjoni ta' tagħlim mhux formali. L-azzjonijiet tal-FSE taw ukoll għajna liż-żgħażaġh li għadhom kemm daħlu fis-suq tax-xogħol.

L-azzjonijiet tal-FSE tejbu l-aċċess għat-taħriġ għal kulħadd. Eżempju ta' dan huwa li jiġi żgurat li l-bżonnijiet ta' komunikazzjoni ta' nies neqsin mis-smiġh jiġu sodisfatti ħalli dawn ma jiġux esklużi minn opportunitajiet ta' xogħol. Dawn huma biss ftit mill-oqsma fejn l-FSE jagħmel differenza reali fil-ħajja tan-nies.

Modernizzazzjoni tas-servizzi

L-FSE jappoġġa wkoll il-modernizzazzjoni ta' servizzi pubbliċi sabiex jassigura servizz effiċjenti. Dan huwa importanti għall-edukazzjoni u għal servizzi ta' impjieg pubbliku. Jista' jagħmel differenza kbira wkoll:

- għall-bidu ta' negozju ġdid,
- għal servizzi ambjentali,
- biex inaqqas il-burokrazija żejda,
- għall-protezzjoni tas-saħħa u tal-konsumatur, u
- għall-istandards ta' ikel u xogħol.

Negozji li qed jinbidlu

Taħriġ appoġġat mill-FSE għen lil ħafna negozji żgħar biex ilaħħqu mal-bidliet fit-teknoloġija. L-FSE għen ukoll biex jintroduċi metodi ġodda kif jiġi organizzat ix-xogħol f'kumpaniji u kif dawn jistgħu jadattaw għal xejriet fis-suq, permezz ta' struttura u teknoloġija ġdida.

→ *Fil-Polonja, in-nisa rċewew appoġġ biex jib-dew in-negozju tagħhom, li kien iwarja minn taħriġ fl-użu tal-kompjuter għal gwida dwar kif jitmexxa negozju żgħir.*



Għal x'hiex iħallas l-FSE?

Permezz tal-FSE, l-Ewropa tinvesti aktar minn 10 biljun euro fis-sena fiċ-ċittadini tagħha. Dawn il-flus huma miżjuda ma' dak li l-Istati Membri nfushom jinvestu f'niešhom. L-ammont annwali ta' flus Ewropej disponibbli jiġi deċiż għal seba' snin. Dan jippermetti li jsir ippjanar fuq żmien medju u twil, u li jkun hemm appoġġ sostnut għall-inklużjoni ta' nies fis-suq tax-xogħol.

Iffukar fuq l-Istati Membri


Nies f'kull żona ta' l-Unjoni Ewropea jibbenefikaw mill-FSE. Naturalment, il-flus huma kkonċentrati fl-aktar reġjuni u fl-aktar Stati Membri li jinsabu fil-bżonn. Dawn jirċievu tliet kwarti tal-fondi kollha.

Madankollu, mhumiex biss il-ħaddiema fl-ifqar żoni li għandhom bżonn appoġġ. Madwar l-Unjoni Ewropea kollha hemm nies li għandhom bżonn jippreparaw għas-suq tax-xogħol: kif jidhru fih u kif javvanzaw.

B'hekk l-FSE jappoġġa n-nies f'kull parti ta' l-Unjoni Ewropea.



Livell differenti ta' assistenza tal-FSE



Fond Soċjali Ewropew (FSE) 2007-2013

- Tliet kwarti tal-baġit tal-FSE
- Kwart tal-baġit tal-FSE

Kun af aktar dwar I-FSE

L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri huma responsabbli għall-FSE f'kull pajjiż. Ikkuntattja lill-punt ta' kuntatt nazzjonali tiegħek sabiex issir taf aktar dwar opportunitajiet ta' fondi u dwar x'qed jagħmel l-FSE fiż-żona tiegħek. Tista' ssib il-kuntatti nazzjonali hawn:

http://ec.europa.eu/employment_social/emplweb/esf

Is-sit elettroniku *Europa* ta' l-Unjoni Ewropea fiha aktar informazzjoni dwar:

- l-istorja tal-FSE,
- il-prioritajiet u l-għanijiet tal-FSE,
- proġetti u attivitajiet appoġġati mill-FSE.

<http://ec.europa.eu/esf>

E-mail: **empl-europeansocialfund@ec.europa.eu**



Il-Kummissjoni Ewropea

Fond Soċjali Ewropew – Investiment fin-Nies

Il-Lussemburgu: Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej

2007 — 8 pġ. — 14.5 x 21 ċm


ISBN 92-79-01405-6



Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet

Publications.europa.eu

ISBN 92-79-01405-6



9 789279 014055